

Brussell, 24 ta' Awwissu 2018  
(OR. en)

11684/18

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2017/0039(APP)**

---

**JURINFO 56**  
**INF 153**  
**JUR 414**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	6687/17; 14026/17; 14026/1/17 REV 1; 14463/17
Nru dok. Cion:	COM(2017) 87 final
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 216/2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea - Qbil fil-prinċipju - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

---

1. Fit-23 ta' Frar 2017, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 216/2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*<sup>1</sup>.
2. It-test ġie diskuss għall-ewwel darba fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Leġislazzjoni Elettronika (Leġislazzjoni Elettronika) fis-16 ta' Mejju 2017.
3. Id-delegazzjonijiet għamlu kummenti bil-miktub matul is-sajf tal-2017.
4. Wara l-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Leġislazzjoni Elettronika (Leġislazzjoni Elettronika) fis-17 ta' Ottubru 2017, il-kummenti ġew integrati fil-proposta u tfassal test rivedut<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> Dokument 6687/17 JURINFO 8 INF 25 JUR 103

<sup>2</sup> Dokument 14026/1/17 JURINFO 77 INF 203 JUR 517

5. Id-delegazzjonijiet ikkonfermaw il-qbil tagħhom dwar it-test rivedut fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Leġislazzjoni Elettronika (Leġislazzjoni Elettronika) bil-miktub. Tneħħew ir-riżervi ta' skrutinju espressi kollha.
6. It-test ġie soġġett għal reviżjoni mill-Ġuristi-Lingwisti tal-Kunsill. It-test li rriżulta jinsab fid-dokument 14463/17.
7. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Coreper/Kunsill huwa mistieden:
  - a) jaqbel fil-prinċipju dwar ir-Regolament propost, kif jinsab fid-dokument 14463/17, soġġett għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew;
  - b) jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz tat-test tar-Regolament kif jinsab fid-dokument 14463/17 lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 352 TFUE.